Supplement tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,662, 28 ta' Awissu, 1998
Taqsima B

A.L. 210 ta' l-1998

KODIĊI TAL-LIĠIJIET TAL-PULIZIJA
(KAP. 10)
ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU
(KAP. 65)

Regolamenti ta' l-1998 dwar il-Votazzjoni (Restrizzjoni ta' Aċċess)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 93 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, u bl-artikolu 17 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Kummissarju tal-Pulizija, bil-parir tal-Bord għall-Kontroll tat-Traffiku, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 dwar il-Votazzjoni (Restrizzjoni ta' Aċċess), u għandhom jibdew iseħħu fil-5 ta' Settembru, 1998.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra —

"Kummissjonarju Elettorali Prinċipali" tinkludi kull uffiċjal ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali awtorizzat kif imiss mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali biex jaġixxi f'ismu;

"Kummissarju tal-Pulizija" tinkludi kull uffiċjal tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta awtorizzat kif imiss mill-Kummissarju tal-Pulizija biex jaġixxi f'ismu;

"post tal-votazzjoni" tfisser post fejn tkun se ssir il-votazzjoni u li hu mniżżel fl-Iskeda pubblikata mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-4 ta' Awissu, 1998;

"vettura" tfisser vettura, kemm immexxija b'forza mekkanika kemm xort'oħra, u kull vettura miġbuda minn annimal;

"votazzjoni" tfisser il-votazzjoni li se ssir fil-5 ta' Settembru, 1998 għall-elezzjoni tal-membri tal-Kamra tad-Deputati.

Vetturi projbiti li jkollhom aċċess għas-Sala ta' l-Għadd u għall-postijiet tal-votazzjoni.

3. Kemm-il darba ma tkunx awtorizzata mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali, ebda vettura ma jkollha aċċess għal xi triq li twassal għas-Sala ta' l-Għadd f'Ta' Qali, jew għal xi post tal-votazzjoni u ebda vettura ma għandha tgħaddi minn post fejn ikun hemm sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX — NO ENTRY" jew taqbeż xi barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib l-imsemmija Sala ta' l-Għadd jew l-imsemmija postijiet tal-votazzjoni mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 5 ta' Settembru, 1998, sa —

(a) il-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni, fil-każ tas-Sala ta' l-Għadd tal-Voti f'Ta' Qali, u

(b) s-2.00 a.m. tal-Ħadd, 6 ta' Settembru, 1998 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni.

Projbizzjoni temporanja ta' mogħdija.

4. It-traffiku matul Notabile Road bejn l-Isptar Monte Carmeli u r-*roundabout* li tagħti għal Żebbuġ Road u Mtarfa Road ikun sospiż mid-9.00 p.m. tal-5 ta' Settembru, 1998 sakemm ikun meħtieġ. Jitħallew jgħaddu biss il-vetturi debitament awtorizzati mill-Kummissjoni Elettorali għall-ġarr tal-kaxxi tal-voti, kif ukoll vetturi oħra li jġorru l-Assistenti Kummissjonarji Elettorali u uffiċjali oħra tal-Kummissjoni Elettorali, kif ukoll il-kandidati u l-aġenti tagħhom.

Restrizzjoni għal *pedestrians*.

5. Ebda *pedestrian* ma għandu, kemm-il darba ma jkollux permess maħruġ lilu mill-Kummissjonarju Elettorali Prinċipali jew kemm-il darba ma jkunx xort'oħra awtorizzat mill-imsemmi Kummissjonarju jew mill-Kummissarju tal-Pulizija, jgħaddi jew jidħol 'il ġewwa minn sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX — NO ENTRY", barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib is-Sala ta' l-Għadd f'Ta' Qali, jew xi post tal-votazzjoni, mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 5 ta' Settembru, 1998, sa —

(a) il-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni, fil-każ tas-Sala ta' l-Għadd tal-Voti f'Ta' Qali, u

(b) s-2.00 a.m. tal-Ħadd, 6 ta' Settembru, 1998 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni,

hekk li r-restrizzjoni indikata fil-paragrafu (b) m'għandhiex tapplika għal persuni li jkollhom dokument ta' votazzjoni li jagħtihom dritt li jivvotaw f'dak il-post tal-votazzjoni partikolari u waqt li dawk il-persuni jkunu sejrin lejn dak il-post tal-votazzjoni biex jivvotaw jew ikunu ġejjin lura minnu wara li jkunu ivvotaw.

Projbizzjoni ta' ipparkjar ta' vetturi.

6. Ebda vettura ma għandha tiġi ipparkjata qrib toroq li jwasslu għas-Sala ta' l-Għadd tal-Voti f'Ta' Qali, jew xi post tal-votazzjoni 'l ġewwa minn sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX — NO ENTRY", barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib l-imsemmija Sala ta' l-Għadd jew l-imsemmija postijiet tal-votazzjoni mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 5 ta' Settembru, 1998, sa —

(a) il-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni, fil-każ tas-Sala ta' l-Għadd tal-Voti f'Ta' Qali, u

(b) s-2.00 a.m. tal-Ħadd, 6 ta' Settembru, 1998 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni.

Projbizzjoni ta' tnikkir. Att XXI ta' l-1991.

7. Salvi d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 64 ta' l-Att ta' l-1991 dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jipprojbixi lil kull persuna milli toqgħod titnikker qrib toroq li jwasslu għas-Sala ta' l-Għadd tal-Voti f'Ta' Qali, jew xi post tal-votazzjoni x'imkien li jkun 'il ġewwa minn sinjal projbitorju li jkollu l-kliem "TGĦADDIX — NO ENTRY", barriera jew imblokk tat-triq ikunu fejn ikunu mqiegħda mill-Pulizija f'xi post qrib l-imsemmija Sala ta' l-Għadd jew l-imsemmija postijiet tal-votazzjoni mill-5.00 a.m. tas-Sibt, 5 ta' Settembru, 1998, sa —

(a) il-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni, fil-każ tas-Sala ta' l-Għadd tal-Voti f'Ta' Qali, u

(b) s-2.00 a.m. tal-Ħadd, 6 ta' Settembru, 1998 fil-każ ta' kull post tal-votazzjoni.

Żmien ta' seħħ u riżerva.

8. Dawn ir-regolamenti għandhom jintemmu mal-pubblikazzjoni tar-riżultat finali tal-votazzjoni, iżda t-tmiem tagħhom ma għandu jolqot ebda ħaġa li tkun saret jew li tkun naqset milli ssir, jew kull proċediment imwettaq jew li jkun se jitwettaq bis-saħħa tagħhom.